**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**B9-0339/2020**

13.10.2020

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara l-mistoqsija għal tweġiba orali B9-0022/2020

skont l-Artikolu 136(5) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-obbligi tal-Kummissjoni fil-qasam tar-reċiproċità tal-viżi b'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 2018/1806
(2020/2605(RSP))

**Juan Fernando López Aguilar**
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

**B9-0339/2020**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-obbligi tal-Kummissjoni fil-qasam tar-reċiproċità tal-viżi b'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 2018/1806 (2020/2605(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1806 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-ħtieġa[1], b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu ("il-mekkaniżmu ta' reċiproċità"),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' Marzu 2017 dwar l-obbligi tal-Kummissjoni fil-qasam tar-reċiproċità tal-viża skont l-Artikolu 1(4) tar-Regolament (KE) Nru 539/2001[2];

– wara li kkunsidra l-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-sitwazzjonijiet tan-nuqqas ta' reċiproċità tat-12 ta' April 2016 (COM(2016)0221), tat-13 ta' Lulju 2016 (COM(2016)0481), tal-21 ta' Diċembru 2016 (COM(2016)0816), tat-2 ta' Mejju 2017 (COM(2017)0227), tal-20 ta' Diċembru 2017 (COM(2017)0813), tad-19 ta' Diċembru 2018 (COM(2018)0855), kif ukoll tal-aħħar komunikazzjoni tagħha tat-23 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Is-sitwazzjoni attwali fir-rigward tan-nuqqas ta' reċiproċità tal-politika tal-viża" (COM(2020)0119),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 17 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikoli 80, 265 u 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra d-dibattitu tiegħu dwar l-obbligi fil-qasam tar-reċiproċità tal-viża, li sar fit-19 ta' Ottubru 2020,

– wara li kkunsidra l-mistoqsija lill-Kummissjoni dwar l-obbligi tal-Kummissjoni fil-qasam tar-reċiproċità tal-viża skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2018/1806 (O-000049/2020 – B9-0022/2020),

– wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 136(5) u 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-kriterju tar-reċiproċità tal-viża, bħala wieħed mill-kriterji li jiggwidaw il-politika tal-UE dwar il-viża, huwa ġeneralment mifhum li jfisser li ċ-ċittadini tal-UE għandhom ikunu soġġetti għall-istess kundizzjonijiet meta jivvjaġġaw lejn pajjiż terz li jiġu soġġetti għalihom iċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż terz meta jivvjaġġaw lejn l-UE;

[1] ĠU L 303, 28.11.2018, p. 39.
[2] ĠU C 263, 25.7.2018, p. 2.

B. billi l-iskop tal-mekkaniżmu ta' reċiproċità tal-viża huwa li tinkiseb tali reċiproċità tal-viża; billi l-politika dwar il-viża tal-UE tipprojbixxi li Stat Membru individwali jintroduċi ħtieġa tal-viża għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz jekk dak il-pajjiż ikun elenkat fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 2018/1806 (pajjiżi li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti mill-ħtieġa tal-viża għal soġġorni qosra);

C. billi l-mekkaniżmu ta' reċiproċità ġie rivedut fl-2013, fejn il-Parlament aġixxa ta' koleġiżlatur, minħabba li kien jeħtieġ li jiġi adattat fid-dawl tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona u tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fuq bażijiet legali sekondarji u "biex jipprovdi rispons mill-Unjoni bħala att ta' solidarjetà, jekk pajjiż terz elenkat fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 539/2001 japplika ħtieġa tal-viża għal ċittadini ta' għall-anqas Stat Membru wieħed" (Premessa 1 tar-Regolament (UE) Nru 1289/2013);

D. billi l-mekkaniżmu ta' reċiproċità jistabbilixxi proċedura li tibda minn sitwazzjoni ta' nuqqas ta' reċiproċità bi skadenzi preċiżi u azzjonijiet li jridu jittieħdu bl-għan li tintemm sitwazzjoni ta' nuqqas ta' reċiproċità; billi l-loġika inerenti tiegħu tinkludi miżuri biex tiżdied is-severità vis-à-vis il-pajjiż terz ikkonċernat, inkluża, fl-aħħar mill-aħħar, is-sospensjoni tal-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għaċ-ċittadini kollha tal-pajjiż terz ikkonċernat ("fit-tieni fażi tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' reċiproċità");

E. billi "sabiex jiġi żgurat l-involviment adegwat tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fit-tieni fażi tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' reċiproċità, minħabba n-natura politika sensittiva tas-sospensjoni tal-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiż terz elenkat fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 539/2001 u l-implikazzjonijiet orizzontali tagħha għall-Istati Membri, il-pajjiżi assoċjati ta' Schengen u l-Unjoni nnifisha, b'mod partikolari għar-relazzjonijiet esterni tagħhom u għall-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen, is-setgħa biex jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea [ġiet iddelegata] lill-Kummissjoni fir-rigward ta' ċerti elementi tal-mekkaniżmu ta' reċiproċità" inkluża s-sospensjoni tal-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għaċ-ċittadini kollha tal-pajjiż terz ikkonċernat;

F. billi "l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jirtira d-delega" (Artikolu 290(2)(a) tat-TFUE);

G. billi att delegat "jista' jidħol fis-seħħ biss jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fiż-żmien stabbilit mill-att leġislattiv" (Artikolu 290(2)(b) tat-TFUE);

H. billi l-Kummissjoni kkontestat l-għażla ta' atti delegati fit-tieni fażi tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' reċiproċità quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, u billi l-Qorti kkunsidrat madankollu li l-għażla tal-leġiżlatur kienet korretta (Kawża C-88/14);

I. billi l-mekkaniżmu b'hekk jassenja b'mod ċar l-obbligi u r-responsabbiltajiet lill-Parlament u lill-Kunsill u lill-Kummissjoni fil-fażijiet differenti tal-mekkaniżmu ta' reċiproċità;

J. billi l-kwistjoni kkonċernata hija għalhekk waħda ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri tal-UE u waħda istituzzjonali peress li l-Parlament u l-Kunsill bħalissa huma mċaħħda mill-

prerogattiva tagħhom ta' "involviment adegwat [...] fit-tieni fażi ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' reċiproċità";

K. billi l-Kummissjoni m'għandhiex titħalla f'sitwazzjoni fejn id-dewmien u r-rifjut tagħha li timplimenta l-leġiżlazzjoni tal-UE jistgħu jwasslu biex tiddgħajjef il-kredibbiltà tagħha bħala gwardjana tat-Trattati, iżda għandha tiġi mfakkra fl-obbligi istituzzjonali u ġuridiċi tagħha;

1. Jirrepeti l-kunsiderazzjoni tiegħu li l-Kummissjoni hija ġuridikament obbligata tadotta att delegat – biex tissospendi temporanjament l-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jkunux neħħew il-ħtieġa tal-viża għaċ-ċittadini ta' ċerti Stati Membri tal-UE – fi żmien 24 xahar mid-data tal-pubblikazzjoni tan-notifiki f'dan ir-rigward, liema skadenza ntemmet fit-12 ta' April 2016;

2. Jitlob, abbażi tal-Artikolu 265 tat-TFUE, lill-Kummissjoni, tadotta l-att delegat meħtieġ sa mhux aktar tard minn xahrejn mid-data tal-adozzjoni ta' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill u lill-parlamenti nazzjonali.